**REĠJUN ĊENTRALI**

# MINUTI

## SEDUTA Nru 64

Il-Hamis, 3 ta' Diċembru, 2015

Il-Kumitat tar-Reġjun Ċentrali ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, L-Imsida, fil-5.30pm.

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippresieda.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| President tar-Reġjun | Michael Fenech Adami | Preżenti |
| Viċi-President | Stefan Cordina | Preżenti |
| Kunsillier Tas-Sliema | Paul Radmilli | Preżenti |
| Sindku L-Imsida | Margareth Baldacchino Cefai | Prezenti |
| Viċi Sindku B'Kara | Rita Borg | Prezenti |
| Kunsillier San Ġwann | Dominic Cassar | Preżenti |
| Sindku l-Gżira | Conrad Borg Manche | Prezenti |
| Sindku Ta' Xbiex | Maximillian Zammit | Preżenti |
| Sindku Santa Venera | Stephen Sultana | Skuzat |
| Sindku Ħal Lija | Magda Magri Naudi | Prezenti |
| Sindku Tal-Pietà | Keith Tanti | Prezenti |
| Sindku l-Iklin | Anthony Dalli | Prezenti |
| Vici Sindku Ħal Balzan | Andre` Grech | Prezenti |
| Sindku San Giljan | Karl Gouder | Prezenti |

**UFFIĊJALI**

Deputat Segretarju: Simon Cauchi

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru 63 li saret nhar l-Erbgha, 11 ta' Novembru 2015, ittieħdu bħala moqrija.

Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tal-President, is-Sur Michael Fenech Adami u sekondat mis-Sindku ta' San Giljan, is-Sur Karl Gouder.

## 2. MATERJI LI JIRRIŻULTAW MILL-MINUTI

### 2.1 Ikla tal-Milied

L-ikla tal-Milied ghall-membri u l-istaff ser issir nhar il-11 ta' Dicembru fis-7.00pm fil-lukanda Radisson Blu Resort.

### 2.2 AMIF

Dwar il-European Funds 2014-2020 – Asylum, Migration & Integration Fund (AMIF), il-Kunsillier ta' Tas-Sliema, is-Sur Paul Radmilli informa li l-AKL kienet baghtet email lill-Kunsilli Lokali sabiex japplikaw bhala partners ma' l-istess AKL. Madankollu fir-regolamenti hemm li l-Lead Partner irid japplika. Ghalhekk il-Kunsill ta' Tas-Sliema kien applika ghal rasu ghal dan il-fond.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Tressqet ghall-attenzjoni tal-Kumitat, memo 32/2015 dwar "Espressjoni ta' interess ghall-Impjieg ta' Persuni b'Dizabilita`". Din intbghatet ukoll lill-Kunsilli Lokali kollha.

## 4. MISTOQSIJIET

Ma kienx hemm mistoqsijiet xi jsiru.

## 5. KOMUNIKAZZJONI TAL-PRESIDENT

5.1 Il-President informa li kienet saret laqgha bejn il-President u s-Segretarju Ezekuttiv Jeanette Galea flimkien mac-Chairman Ezekuttiv tar-Resource Support and Services Ltd (ex IPSL) u s-supervisor li se jkollu r-Regjun Centru, is-Sur Kenneth Formosa. Gie spjegat li minn Jannar, is-Sur Formosa ser ikun fl-ufficcju tar-Regjun sabiex flimkien ma' zewg haddiema ohra jassistu lill-Kunsilli Lokali. Ghal dan il-ghan is-Sur Formosa qieghed prezenti wkoll ghal din il-laqgha sabiex issir konoxxenza tieghu. Ghal dan il-ghan ir-Regjun ghandu jkollu van u ghalhekk trid tinhareg sejha ghall-offerti. Il-materjal ghax-xoghlijiet ghandu dejjem jinxtara mill-Kunsill Lokali rispettiv. Kien hemm qbil li l-Kunsilli Lokali jibghatu x-xoghlijiet li jixtiequ jaghmlu b'din l-iskema u s-Segretarju Ezekuttiv tifforma roster Kunsill wara l-iehor.

Il-President issugerixxa li l-Kunsilli Lokali jistghu juzaw dawn il-haddiema sabiex izommu l-playingfields fi stat tajjeb. Dan fid-dawl ukoll li r-Regjun ghandu kuntratt biex jigu spezzjonati dawn il-playingfields.

5.2 Il-President irraporta li kien attenda ghal seminar dwar il-Europe for Citizens Programme u qal li kienet interessanti hafna.

## 6. APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET FL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

Il-President, sekondat mis-Sur Karl Gouder, ressaq mozzjoni biex jiġi approvat il-ħlas tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru 64. Il-mozzjoni għaddiet *nem.con*.

## 7. LESA

Il-President informa li saret laqgha bejn il-Presidenti u s-Segretarji Ezekuttiv tar-Regjuni flimkien ma' l-Agenzija LESA. Il-President qal li s-CEO, is-Sur Ray Zammit informa li l-Agenzija ghad trid taghmel il-*policies* taghha u wara jibdew isiru l-laqghat mal-Kunsilli Lokali.

Ghal laqgha ta' llum kellhom ikunu prezenti is-CEO, is-Sur Ray Zammit kif ukoll is-Sinj. Elizabeth Vassallo. Dawn infurmaw li nqabdu *f'meeting* iehor u minflok intbaghat is-Sur Sandro Muscat, is-Supretendent tar-Regjun Centru. Saret diskussjoni informali bejn il-membri u s-Sur Muscat fejn fost l-ohrajn ir-Regjun gie nfurmat li hemm biss zewg eco wardens madwar Malta.

## 8. AFFARIJIET OĦRA

### *8.1* Kwotazzjoni ghal Kompjuter

Kien hemm qbil unanimu li jinxtara kompjuter skond il-kwotazzjoni ta' €1056.10 prezentata minn Intercomp sabiex jintuza mir-Registratur tat-Tribunal Regjonali.

### 8.2 Kwotazzjoni ghal Shredder machine

Kien hemm qbil unanimu li tinxtara *shredder* sabiex tintuza fl-ufficcju amministrattiv tar-Regjun. Minn diversi kwotazzjonijiet li gew prezentati, ir-Regjun inkariga lis-Segretarju Ezekuttiv taghzel l-ahjar wahda ghar-Regjun.

## 9. TMIEM

Fis-18.45pm ntemmet is-seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgha, 13 ta' Jannar, 2016, fil-5.30pm.

Simon Cauchi
Deputat Segretarju

**Konfermati:**

Michael Fenech Adami
President